Verżjoni Elettronika

*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,380, 1 ta' April, 2020*
*Taqsima A*

# MALTA

**ATT Nru XII tal-2020**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT sabiex jemenda l-Att tal-2020 li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi, Att Nru VIII tal-2020.**

**ACT No. XII of 2020**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend the Budget Measures Implementation Act, 2020, Act No. VIII of 2020.**

Verżjoni Elettronika



Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
**President**

1 ta'April, 2020

**ATT Nru XII tal-2020**

*ATT sabiex jemenda l-Att tal-2020 li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi, ATT Nru VIII tal-2020.*

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu Att tal-2020 li jemenda l-Att tal-2020 li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi, u għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att tal-2020 li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor. ATT Nru VIII tal-2020.

**2.** Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali, il-kliem "erba' mija u ħamsin miljun euro (€450,000,000)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "żewġ biljun euro (€2,000,000,000)". Emenda tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali.

**3.** Fl-artikolu 5 tal-Att prinċipali, il-paragrafi (a), (b) u (ċ) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (b), (ċ) u (d) rispettivament, u minnufih qabel il-paragrafu (b) kif enumerat mill-ġdid, għandu jiġi miżjud dan il-paragrafu ġdid li ġej: Emenda tal-artikolu 5 tal-Att prinċipali.

"(a) jitħallsu l-ispejjeż li jeċċedu d-dħul li jsiru fil-Fond Konsolidat matul is-sena 2020; u".

**Emendi Konsegwenzjali**

**4.** Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 44A tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-kliem "penali bejn l-elf euro (€1,000)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "penali bejn mitt euro (€100)". Emenda tal-artikolu 44A tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika. Kap. 465.

Verżjoni Elettronika



Emenda tal-artikolu 13 tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja. Kap. 291.

**5.** Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 13 tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, il-kliem "fil-Gazzetta." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fil-Gazzetta:" u minnufih wara għandu jiġi miżjud dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda li, id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu m'għandhomx japplikaw fir-rigward ta' xi regolamenti u ordnijiet maħruġa mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika skont l-Att dwar is-Saħħa Pubblika u għal kwalunkwe emenda għall-Iskeda magħmula skont ordni maħruġa mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika skont l-Att dwar is-Saħħa Pubblika.". (Kap. 465.) (Kap. 465.)

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 316 tat-30 ta' Marzu, 2020.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

Verżjoni Elettronika



I assent.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
**President**

1st April, 2020

## ACT No. XII of 2020

*AN ACT to amend the Budget Measures Implementation Act, 2020, ACT No. VIII of 2020.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:-

**1.** The short title of this Act is the Budget Measures Implementation Act, 2020 (Amendment) Act, 2020, and this Act shall be read and construed as one with the Budget Measures Implementation Act, 2020, hereinafter referred to as "the principal Act". Short title. ACT No. VIII of 2020.

**2.** In sub-article (1) of article 4 of the principal Act, the words "four hundred fifty million euro (€450,000,000)" shall be substituted by the words "two billion euro (€2,000,000,000)". Amendment of article 4 of the principal Act.

**3.** In article 5 of the principal Act, paragraphs (a), (b) and (c) shall be re-numbered as paragraphs (b), (c) and (d) respectively, and immediately before paragraph (b) as re-numbered, there shall be added the following new paragraph: Amendment of article 5 of the principal Act.

"(a) meeting excess expenditure over revenue incurred in the Consolidated Fund for year 2020; and".

**Consequential Amendments**

Amendment of article 44A of the Public Health Act. Cap. 465.

**4.** In sub-article (1) of article 44A of the Public Health Act, the words "to a penalty of between one thousand euro (€1, 000)" shall be substituted by the words "to a penalty of between one hundred euro (€100)".

Amendment of article 13 of the Commissioners for Justice Act. Cap. 291.

**5.** In sub-article (2) of article 13 of the Commissioners for Justice Act, the words "in the Gazette." shall be substituted by the words "in the Gazette:" and immediately thereafter there shall be added the following new proviso:

"Provided that the provisions of this sub-article shall not apply in respect of any regulations and orders issued by the Superintendent of Public Health in terms of the Public Health Act and to any amendment to the Schedule made in pursuance to an order issued by the Superintendent of Public Health in terms of the Public Health Act.".

Cap. 465.

Cap. 465.

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 316 of the 30th March, 2020.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

**Prezz/*Price***
**€0.36**